ħimkien fl-ajru b'għana li jgħaġġeb u, imbagħad, skond is-salib li kien għamlilhom San Franġisk, tqassmu f'erba' qtajja', waħda minnhom ittajret lejn il-lvant, l-oħra lejn il-punent, it-tielet lejn nofs in-nhar u r-raba' lejn it-tramuntana u kull qatgħa baqgħet sejra tgħanni għana li jgħaġġeb''.

Imma dan mhux biżżejjed; **Il-Fjuretti** jkomplu juruna kemm San Franġisk kienet tiġih ħniena mill-għasafar maqbudin u wisq iżjed imkagħbra. Araw x'jgħidulna **Il-Fjuretti** fuq hekk fil-kapitlu 22: ''Wieħed żagħżugħ, ġurnata waħda, qabad ħafna gamiem u kien sejjer bihom biex ibigħhom. San Franġisk, li dejjem kienet tiġih ħniena mill-bhejjem mansi, kif iltaqa' ma' dak iż-żagħżugħ, fil-waqt li beda jħares bil-ħniena lejn dawk il-gamiem, qallu: 'Ja żagħżugħ twajjeb, nitolbok tatihomli u li ma tħallix li l-għasafar bla ħtija, li lilhom fl-Iskrittura huma mxebbhin l-erwieħ safjin, umili u fidili, jaqgħu f'idejn ħorox u joqtluhom'. Dak iż-żagħżugħ minnufih, donnu mnebbaħ minn Alla, tahom kollha lil San Franġisk, u dan, filwaqt li rasshom ma' sidru, beda jgħidilhom bil-ħlewwa: 'Huti gamiem, hekk sempliċi, bla ħtija u ndaf, għaliex ħallejtu jaqbdukom? Issa jien irrid neħliskom mill-mewt u nagħmlilkom il-bejtiet biex tbejtu fihom u titkattru kif irid il-Ħallieq tagħkom'. U San Franġisk, ikomplu jgħidu **Il-Fjuretti**, baqa' sejjer u għamel il-bejta lil kull waħda; u dawk, filwaqt li daħlu fiha, bdew ibidu u jfaqqsu quddiem il-Patrijiet, u kienu draw daqshekk, ma' San Franġisk u mal-Patrijiet l-oħra, bħallikieku kienu tiġieġ imrobbijin minnhom. U ma twarrbu qatt minn hemm sakemm San Franġisk ma kienx ibierikhom u jagħtihom il-permess li jitilqu''.

Sa hawn **Il-Fjuretti**; imma jien nixtieq inżid li l-Patrijiet Minuri, f'dak il-post sewwa fejn jaħsbu li saret din il-ġrajja ħelwa, għamlu statwa tal-bronż li turi lil dak iż-żagħżugħ jagħti l-gamiem lil San Franġisk li qiegħed jitlobhomlu. Nixtieq inżid ukoll li l-istess Patrijiet, f'wieħed mill-kurituri tal-kunvent ta' San Damjan ta' Assisi, għamlu statwa oħra tar-rħam ta' San Franġisk b'wiċċ idejh imissu ma' xulxin u merfugħin 'il fuq quddiem sidru, iżommu ġewwa fihom bejta tat-tiben u ġewwa din il-bejta par ħamiem miż-żgħar li jixbhu ħafna lill-gamiem li jbejtu u jfaqqsu ma' tul is-sena, bla ma jitwarrbu, bla ma jibżgħu min-nies, bla ma jiċċaqalqu daqshekk li kieku l-Patrijiet ma



jgħidulekx li huma ħajjin, taħsibhom li huma tar-rħam jew tal-ġebel.

Kemm nxtieq issa, qabel ma nagħlaq, nitlob u nwissi lil dawk kollha li għandhom l-għasafar id-dar u l-iktar lin-nassaba u lit-tfal, biex ma jaħqrux lil dawk il-ħlejjaq żgħar ta' bla ħtija. Iġibu quddiem għajnejhom lil San Franġisk kemm kien iħobbhom lill-għasafar meta kien jarahom maħqurin u kemm kien jifraħ meta kien jarahom jittajru fuq il-friegħi tas-siġar għoljin. Fl-aħħar mill-aħħar jiftakru dawn it-talin li kull min jaħqar lil dawn il-ħlejjaq ċkejknin, lill-għasafar, ikun juri fil-beraħ li għandu qalbu ħażina u kiefra, mhux biss mat-tajr u mal-bhejjem, imma mal-bnedmin ukoll.

---

## FIL-ĠONNA BOTANIĊI, MELBOURNE

Li mal-wasla tiegħi f'Victoria żort
ma' ħabibi Manwel Cassar u martu Ġuża.

*Ta'* VINCENT CARUANA

Il-mogħdijiet jistiednu biex 'il ġewwa
F'mixjitek tkompli bla ma tqis li lura
Trid terġa' tieħu l-mixja, għax il-ħlewwa
Tal-ġnien tkun trid sa fl-inqas rokna żżurha.

F'dal-ġnien il-qalb muġugħa tħoss 'iddewwa
Għax tinsa kemm f'did-dinja sfat maħqura,
U nħares, f'qalbi għidt: ''Kemm ikun sewwa
Li ngħix f'dal-ġnien f'għarix qalb din il-ħdura''.

Stħajjiltu l-ġnien fejn l-ewwel missier tagħna
U l-ewwel ommna għexu t-tnejn ferħana
Sakemm tad-dnub id-dinja sfat ilsira.

Hekk f'qalbi fraħt li meta b'kastig Alla
Il-ferħ ta' l-Eden neħħa, Huwa ħalla
Il-ġmiel tal-fjur u s-siġar bħal b'tifkira.

Sydney, Awstralja, 3. 5. 56.